**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 206/2017 RM**

**Summit Importers & Distributors Limited**

**-Vs-**

**Benny's Catering Limited**

**Illum, 3 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Summit Importers & Distributors Limited fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Lulju 2017 fejn talbet li s-soċjeta' Benny's Catering Limited tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tnejn u għoxrin Euro u żewġ ċenteżmi (€13,922.02) prezz ta' xoghlijiet ta' thaffir u tqeghid ta' cable fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ezegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta, liema xoghlijiet kienu accettati minnha, kollox skont kont ga mibghut lilha li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Ottubru 2016, tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru, 2016 (Dok. B) u tla-ittra ufficjali ezekuttiva tas-17 ta' Marzu 2017 (Dok. C) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-kont sad-data tal-hlas shih effettiv.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Benny's Catering Limited fil-5 ta' Settembru 2017 fejn ġie eċċepit:-

1. "*Illi t-talba ghal hlas hija eccessiva u ma tirriflettix l-ammont verament dovut ghax-xoghol li sar kif kien miftiehem bejn il-partijiet.*
2. *Illi x-xoghlijeit esegwiti mis-socjeta attrici ma sarux skond is-sengha u l0-parti u dank if ser jigi ampjament ppruvat weaqt il-mori tal kawza.*
3. *Illi in oltre saru xoghlijiet li ma kienux mitluba mis-socjeta intimate u lanqas ma kienu mehtiega madankollu s-socjeta attrici sorta wahda qed tippretendi l-hlas ghal dawn ix-xoghlijiet .*
4. *Salv eccezzjonijeit ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kotnra is-socjeta attrici li hi minn issa issa ingunta in subizzjoni*."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mogħti fit-18 ta' Ottubru 2017 fejn ġie maħtur il-Perit Mario Cassar AIC, bħala Perit Tekniku bl-inkarigu li "*jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u r-risposta tas-soċjeta' konvenut*a", a spejjeż provviżorjament tas-soċjeta' konvenuta;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2021 fejn revokat il-ħatra tal-Perit Mario Cassar bħala Perit Tekniku, ordnat illi l-provi li fadal tal-partijiet jinstemgħu quddiemha stess u ordnat lill-istess Perit sabiex kemm jista' jkun malajr, jirritorna l-inkartament kollu li jinsab fil-pussess tiegħu;

Rat l-ordni mogħti minnha fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021 fejn osservat li minkejja dak li ġie ordnat minnha fl-14 ta' Ġunju 2021 b'rabta mar-ritorn tal-inkartament fil-pussess tal-Perit Tekniku, dan l-inkartament baqa' ma ġiex ritornat, u fejn ordnat għalhekk lill-Perit Tekniku biex jirritorna fir-Reġistru tal-Qorti l-inkartament li għandu fil-pussess tiegħu sa mhux iktar tard minn ġimgħa;

Rat in-nota tal-Perit Mario Cassar tal-4 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha rritorna t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugħa minnu u skambju ta' korrispondenza għall-fini li jiġu fissati seduti quddiemu;

Rat l-ordni tagħha mogħti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 sabiex il-Perit Mario Cassar jirritorna l-inkartament sħiħ konness mat-twettiq tal-inkarigu tiegħu inkluz id-dokumenti esebiti mix-xhieda li xehdu quddiemu u dan in vista ta' dak li ġie dikarat fin-nota tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2021;

Rat in-nota tal-Perit Mario Cassar tas-16 ta' Diċembru 2021 fejn irritorna d-dokumenti kollha li kien għad fadal fil-pussess tiegħu in konnessjoni mal-inkarigu tiegħu u li ma kienux ġew ritornati qabel;

Semgħet ix-xhieda u rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Perit Tekniku qabel ir-revoka tal-ħatra u tal-inkarigu tiegħu;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-prezz tax-xogħolha, konsistenti prinċipalment f'xogħol ta' tħaffir ta' trinka, tqegħid ta' cable tad-dawl u asfaltar. Hemm qbil li dan ix-xogħol ġie appaltat lilha mis-soċjeta' konvenuta li da parti tagħha, tikkontendi illi l-prezz mitlub huwa iżjed minn dak li ġie miftiehem mill-partijiet għall-appalt u fi kwalunkwe każ, ix-xogħol ta' asfaltar sar ħażin u mhux skont kif iridu s-sengħa u l-arti.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata minn dik konvenuta tagħmel *trenching works* bejn is-*sub-station* li jinsab ċirka mitt

metru 'l bogħod mill-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta, bl-isem 'Ta Marija Restaurant' ġewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Jirriżulta li l-istabbiliment kellu bżonn inġenti li jiżdied il-provvista tad-dawl għal 125 amps 3-phase[1], liema żieda setgħet issir biss bit-tqegħid taħt l-art ta' *cable* tad-dawl tal-Korporazzjoni Enemalta, bejn is-*sub-station* tagħha u l-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta kienet ħallset hija stess direttament lill-Korporazzjoni Enemalta il-prezz tax-xogħolijiet li saru fit-truf fuq in-naħa tas-*sub-station* u fuq in-naħa tal-istabbiliment[2], iżda kienet għażlet li x-xogħolijiet ta' tħaffir tat-trinka, tqegħid tal-*cable* u *re-instatement works* fit-triq, isiru minn kuntrattur privat imqabbad minnha.

Fil-15 ta' April 2016, is-soċjeta' attriċi ħarġet stima preventiva tal-valur tal-appalt, fil-prezz ta' €7,385.20[3], liema stima ma jirriżultax li kienet kontestata mis-soċjeta' konvenuta. Matthew Sammut, id-direttur tas-soċjeta' attriċi, xehed illi din l-istima nħadmet fuq pjanta[4] li kien ipprovdihielu Ben Muscat, ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, fejn id-distanza bejn is-*sub-station* u l-istabbiliment kienet indikata bħala 104 metru.

Mhux kontestat illi filwaqt illi l-istima preventiva kienet ibbażata fuq il-premessa li x-xogħolijiet kienu ser jitwettqu matul il-ġurnata, il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien irreġistra oġġezzjoni ma' Transport Malta għal dan il-metodu ta' xogħol u eventwalment, il-permess (RWP1-0624/16[5]) inħareġ minn Transport Malta bil-kundizzjoni li t-*trenching works* isiru bil-lejl wara d-9.00 p.m. u sa mhux iktar tard mis-6.00 a.m. minħabba s-sensittivita' taż-żona fejn ix-xogħolijiet kienu proġettati li jsiru[6], ċioe', fi triq arterjali. Mhux kontestat li x-xogħolijiet kollha effettivament saru bil-lejl wara d-9.00 p.m.[7].

---

[1] HT Contribution 125 amp.
[2] Ħlas li sar fis-17 ta' Mejju 2016 fis-somma ta' €10,529; ara xhieda ta' Antoine Muscat, seduta tat-30 ta' April 2018 quddiem il-Perit Tekniku (Dok. AM1). Dan il-prezz jeskludi tħaffir tat-trinka, tqegħdi tal-cable u reinstatement Works.
[3] Dok. X, paġna 48 tal-atti tal-kawża.
[4] Dok. MS1.
[5] Dok. MS3.
[6] Ara permess Dok. TD1.
[7] Ara xhieda ta' Thomas Debono, seduta tad-19 ta' Frar 2018 quddiem il-Perit Tekniku.

Il-Qorti fehmet ukoll illi r-rotta finali minn fejn kellu jgħaddi l-*cable* tad-dawl kienet differenti minn dik li ġiet oriġinarjament proġettat mill-addetti tal-Korporazzjoni Enemalta. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Mario Sultana u Ivan Vassallo jirriżulta illi kienet saret spezzjoni oħra mill-Korporazzjoni Enemalta, din id-darba bil-lejl, fejn il-kuntrattur ingħata struzzjonijiet biex iħaffer *pilot holes* fit-triq biex jiġi identifikat b'iktar preċiżjoni minn fejn kienu għaddejjin is-servizzi. Waqt din l-ispezzjoni nstab li fir-rotta oriġinali li kienet immarkata minn Ivan Vassallo, kienu għaddejjin numru ta' servizzi u *cables* oħrajn u din ir-rotta kellha għalhekk tinbidel. Fil-fatt, it-trinka ma setgħetx titħaffer mal-bankina iżda kellha ssir żewġ metri 'l barra fit-triq.

Ix-xogħolijiet bdew fis-27 ta' Ġunju 2016 u saru kollha, kompriż *reinstatement works*, bil-lejl skont il-kundizzjonijiet fil-permess maħruġ minn Transport Malta fl-24 ta' Ġunju 2016. Dawn tlestew fit-8 ta' Lulju 2016. Dan mhux kontestat. Mhux kontestat lanqas li l-istima oriġinali, datata 15 ta' April 2016, inħarġet abbażi ta' pjanta li pprovdiet is-soċjeta' konvenuta nnifisha b'indikazzjoni tat-tul ta' trinka ta' 104 metru[8], kif ukoll li din l-istima nħarġet qabel il-bdil fir-rotta tal-cable kif ukoll qabel il-ħruġ tal-permess minn Transport Malta.

Il-prezz totali tal-kont finali maħruġ mis-soċjeta' attriċi fil-25 ta' Lulju 2016 wara li l-appalt tlesta minn kollox, huwa ta' €13,922.02 ċioe' kważi d-doppju tal-prezz indikat fl-istima oriġinali[9].

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel u t-tieni paragrafu tar-Risposta tagħha, is-soċjeta' konvenuta eċċepiet li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi għall-appalt huwa eċċessiv u saru wkoll xogħolijiet li ma ġewx mitluba jsiru u ma kienux meħtieġa.

---

[8] Ara xhieda ta' Pierre Attard.

[9] Hawnhekk madankollu għandu jiġi senjalat li filwaqt li jirriżulta minn korrispondenza skambjata b'rabta mal-istima datata 15 ta' April 2016 li mal-somma ta' €7,358.20 kellu jiżdied il-VAT. Ara email ta' Matthew Sammut, 16 ta' April 2016 – *"all prices are excluding vat"* – paġna 150 tal-atti tal-kawża.

Ben Muscat, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, xehed bla tlaqliq li huwa jaċċetta jħallas l-awment fil-prezz bejn l-istima oriġinali u l-valur finali tax-xogħolijiet iżda biss safejn dan l-awment kien dovut għat-tibdil fil-metodu tal-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet. Fil-fatt, kien offra l-ħlas tal-prezz skont l-istima, €7,358.20, kif ukoll il-ħlas tas-somma addizzjonali ta' €1,200 permezz ta' żewġ *cheques*, iżda dawn ma ġewx aċċettati mis-soċjeta' attriċi bħala ħlas a saldu tal-prezz tal-appalt.

Da parti tagħha, is-soċjeta' attriċi fissret illi l-*item* "*Emergency Works*" (€2,141.57) hija l-ispiża tax-xogħol li kellu jitwettaq kollu bil-lejl[10], liema xogħol ma kienx prospettat oriġinarjament. Filwaqt li taqbel illi s-segwenti xogħolijiet, fost oħrajn, ġew jiswew iktar mill-prezz indikat fl-istima oriġinali, issostni li ż-żieda fil-prezz hi ġustifikata:-

- *Trench excavation and backfilling works.* Matthew Sammut xehed illi t-tħaffir kellu jsir kważi kollu fit-triq u mhux fil-bankina kif oriġinarjament ipproġettat u t-tħaffir fit-triq irid isir f'fond doppju milli kieku jsir fil-bankina.
  Din ix-xhieda ma ġietx kuntrastata mis-soċjeta' konvenuta.

- *Installation of Buried Infrastructure.* Is-soċjeta' attriċi sostniet illi l-prezz ta' dan ix-xogħol żdied għaliex il-Korporazzjoni Enemalta imponiet li jsiru pjanċi tal-ħadid fuq iċ-ċangatura li biha tgħattiet il-cable.
  Dan mhux kontestat mis-soċjeta' konvenuta[11].

- *Asphalt Works.* Skont is-soċjeta' attriċi, dawn żdiedu minħabba kundizzjonijiet fil-permess ta' Transport Malta marbutin mal-wisa' tat-tqattigħ kif ukoll tat-tqegħid mill-ġdid tat-tarmac[12].

---

[10] Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' attriċi ħallset is-somma ta' €216 lill-Korporazzjoni Enemalta in konnessjoni ma' xogħol overtime ta' supervizjoni tax-xogħol tat-tqegħid tal-cable – xhieda ta' Michael Buttigieg, seduta tad-9 ta' April 2018 quddiem il-Perit Tekniku.
[11] Ara xhieda Benjamin Muscat, 17 ta' Frar 2022, paġna 190 u 191 tal-atti tal-kawża, u
[12] Dan jirriżulta minn paragrafu 3.4 ta' *Trench Excavation Road Permit Conditions*, paġna 132 sa 134 tal-atti tal-kawża.

Il-verżjoni tas-soċjeta' attriċi hi li s-soċjeta' konvenuta kienet konxja dwar il-bdil fir-rotta u ż-żieda ta' kundizzjonijiet iktar onerużi fil-permess, fosthom li x-xogħol kellu jsir bil-lejl. Kemm hu hekk, id-direttur Ben Muscat kien spiss ikun preżenti waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet. Matthew Sammut xehed ukoll li wara li kien bagħtlu l-kundizzjonijiet tal-permess kif maħruġ minn Transport Malta, Ben Muscat kien bagħtlu *sms* (Dok. MS6) fejn staqsa jekk il-kundizzjonijiet ġodda kienux ser jissarrfu f'żieda fl-ispejjeż tax-xogħol. Matthew Sammut ikkonferma illi in segwitu għal dan, huwa kien ċempel lil Ben Muscat u għarrfu li kellu spiża żejda tax-xogħol bil-lejl u għall-bqija l-kejl kellu jsir skont ir-rati li kien diġa' tah fl-istima oriġinali.

Is-soċjeta' konvenuta da parti tagħha tikkontendi li filwaqt li huwa minnu li Ben Muscat kien talab permezz ta' *sms* jekk kienx ser ikun hemm żieda fl-ispejjeż tal-appalt fuq dak indikat fl-istima tal-15 ta' April 2016, huwa qatt ma kien irċieva risposta, la iva u lanqas le, mingħand is-soċjeta' attriċi in segwitu għall-imsemmi messaġġ – li jidher li ntbagħat fl-20 ta' Ġunju 2016 - u x-xogħolijiet kienu bdew il-ġimgħa ta' wara.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi ma sarx ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar l-appalt u l-prezz relattiv. Fil-fatt, l-istima tal-15 ta' April 2016 m'hijiex iffirmata mill-partijiet b'senjalazzjoni tal-aċċettazzjoni tagħhom tar-rati u l-kwantita' tax-xogħol indikat. Iżda anke jekk, għal mument, kellu jiġi aċċettat li l-partijiet kienu ftiehmu li l-appalt kellu jitwettaq bir-rati indikati fl-istima tal-15 ta' April 2016, kellu jkun ovvju għas-soċjeta' konvenuta li l-prezz totali tal-istima ma setax ma jiżdiedx wara (i) il-ħruġ tal-permess minn Transport Malta fejn ġew imposti kundizzjonijiet iktar onerużi dwar il-metodu tal-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet fosthom li x-xogħol kollu kellu jsir bil-

lejl u mhux matul il-ġurnata u (ii) il-bdil fir-rotta tal-cable kif oriġinarjament immarkata, fejn it-trinka kellha titħaffer żewġ metri 'l barra mill-bankina[13].

Għall-Qorti hu ovvju li dawn il-kundizzjonijiet ġodda kellhom jissarrfu f'żieda fil-prezz tal-appalt kif orġinarjament indikat: fil-fatt dan is-soċjeta' konvenuta rikonoxxietu meta, hekk kif irċieva l-kundizzjonijiet tal-permess maħruġ minn Transport Malta, id-direttur tagħha staqsa x'żidiet kien ser ikun hemm fuq l-istima oriġinali. Għalkemm huwa minnu li ma jidhirx li ntbagħet risposta bil-miktub għall-mistoqsija ta' Ben Muscat, mhux kontestat illi ma kienx inħareġ stima ġdida b'indikazzjoni tal-prezzijiet tax-xogħolijiet żejda qabel inbdew ix-xogħolijiet, liema xogħolijiet f'kull każ, kellhom jitwettqu entro l-perijodu stabbilit fil-premess.

Fil-fehma tal-Qorti kien nuqqas da parti tas-soċjeta' konvenuta li ħalliet ix-xogħolijiet jibdew u jitlestew mingħajr ma insistiet li tingħata stima aġġornata tal-prezz tal-appalt abbażi tal-kundizzjonijiet il-ġodda imposti mill-awtoritajiet kompetenti, u mingħajr ma ntlaħaq ftehim dwar il-valur il-ġdid tal-appalt qabel dan beda jiġi eżegwit. Il-fatt li s-soċjeta' konvenuta setgħet ma rċevietx risposta għat-talba tagħha ma jfissirx li l-istima oriġinali baqgħet tgħodd f'kull aspett tagħha meta s-soċjeta' konvenuta kienet ben konxja tal-fatt li l-kundizzjonijet tal-appalt kienu saru iktar onerużi u kien jeħtieġ li jsir xogħol addizzjonali. Il-Qorti taqbel li r-rati tax-xogħol in kwantu għal dak il-materjal u xogħol li jsir bil-kejl, kellhom jibqgħu invarjati peress li jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta kienet disposta tħallas ir-rati indikati fl-istima iżda indubbjament, il-kejl tax-xogħol kif indikat fl-istima ma setax jibqa' jgħodd u dan is-soċjeta' konvenuta kienet tafu tajjeb.

Barra dan il-fatt illi l-oneru tal-prova li l-prezz mitlub għall-appalt mhux raġjonevoli kien jinkombi lis-soċjeta' konvenuta. Madanakollu, hija ma ressqet ebda prova li l-kejl tax-xogħol indikat fil-kont sar ħażin. Għall-kuntrarju, Ryan Barbara, il-*quantity surveyor* li kien għamel survey tax-xogħolijiet kollha li saru mis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mat-trinka u kien ukoll kejjel ix-xogħolijiet, ikkonferma li l-kont tal-

[13] Ara xhieda ta' Ivan Vassallo, seduta tad-9 ta' April 2018 quddiem il-Perit Tekniku.

kuntrattur inħareġ abbażi tas-survey u l-kejl li kien inkarigat jagħmel[14]. Ikkonferma wkoll illi x-xogħolijiet saru in konformita' mal-kriterji li jiġu applikati mill-Korporazzjoni Enemalta u jekk kien hemm xi varjazzjoni fil-wisa' tat-trinka, din kienet raġjonevoli kif ukoll aċċettabbli. Is-soċjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova kuntrarja u kif diġa' ngħad, naqset milli turi li x-xogħol ma ġiex imkejjel tajjeb u naqset ukoll milli tressaq prova li tikkonvinċi lill-Qorti illi r-rati tax-xogħol u tal-materjal kif indikat fl-istess kont, ma jirrispekkjawx ir-rati tas-suq applikabbli għax-xogħolijiet, jew huma ogħla mir-rati applikati fl-istima oriġinali.

Għandu jingħad ukoll illi anke jekk għas-soċjeta' konvenuta, il-prezz tax-xogħolijiet li kellhom jitwettqu b'żieda ma' dawk oriġinarjament pattwiti, jidher li huwa eċċessiv għaliex huwa kważi d-doppju tal-istima orġinali, il-Qorti ma tistax tnaqqas dan il-prezz għaliex ma għandha l-ebda prova quddiemha, wisq inqas prova teknika, li tikkonvinċiha li l-prezzijiet reklamati mis-soċjeta' attriċi għal dan ix-xogħol addizzjonali, huma eċċessivi jew li sar xogħol li ma kienx ordnat jew sar inutilment. Il-Qorti hi sodisfatta li l-appalt twettaq kollu u x-xogħolijiet indikati fil-kont maħruġ mill-kuntrattur saru skont l-inkarigu mogħti, bil-kejl li ġie kostatat mill-quantity surveyor, in konformita' mal-kriterji u kundizzjonijiet imposti minn Transport Malta u l-Korporazzjoni Enemalta, kif ukoll bl-applikazzjoni ta' rati li ma ntweriex li huma ogħla minn dawk fis-suq jew differenti minn dawk applikati fl-istima oriġinali.

Għaldaqstant, l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sejrin jiġu respinti.

Ikkunsidrat;

Is-soċjeta' konvenuta tilqa' għat-talba għall-ħlas billi tikkontendi wkoll li x-xogħolijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

---

[14] Ara Dok. RB2 u Dok. RB4.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mhux kontestat li x-xogħol sar kollu[15] u mill-provi jirriżulta wkoll li x-xogħol ġie ċertifikat bħala komplut minn Transport Malta[16], tant illi fil-*Works Completion Checklist* maħruġ mill-istess Transport Malta[17] fit-8 ta' Lulju 2016, ix-xogħol mhux biss ġie ċertifikat li sar kollu iżda ġie ċertifikat ukoll li huwa xogħol aċċettabbli in kwantu għall-aspetti kollha tiegħu inkluż ix-xogħol ta' "*reinstatement*".

Jirriżulta wkoll, kif tajjeb ġie senjalat mill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi fit-trattazzjoni finali, illi s-soċjeta' konvenuta qatt ma lmentat dwar il-kwalita' tax-xogħolijiet imwettqa mill-kuntrattur, la meta rċeviet l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru 2016 b'interpellazzjoni għall-ħlas tal-kont, u lanqas fin-nota li ppreżentat in kontestazzjoni tal-interpellazzjoni għall-ħlas li saret permezz tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu 2017[18]. Barra minn hekk, il-Qorti ma riskontrat l-ebda prova fl-atti proċesswali li tissostanzja x-xhieda ta' Benjamin Muscat li huwa kien affronta lid-direttur tas-soċjeta' attriċi bl-ilmenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta dwar il-kwalita' tal-asfalt. Fil-fatt, din ix-xhieda hi kontradetta ulterjorment minn Pierre Attard, li xehed illi kuġinuh, Ben Muscat qatt ma wassallu xi lment fuq il-kwalita' tax-xogħol, lanqas meta kien irċieva l-kont tal-kuntrattur[19], għalkemm kien qed jaġixxi bħala l-intermedjarju bejn il-partijiet fl-istadju meta nħareġ il-kont.

In kwantu għall-kwalita' tax-xogħolijiet, Lorraine Templeman xehdet illi l-Kunsill Lokali tal-Mosta kien oġġezzjona għax-xogħol ta' tqegħid tal-asfalt għaliex skont il-parir li kien ingħata mill-*handyman* tal-Kunsill, ċertu Philip Azzopardi, it-taħlita tal-asfalt u ilma kienet ħażina u kien insista li x-xogħolijiet jerġgħu jsiru mill-ġdid. Fix-xhieda tagħha Lorraine Templeman[20] għamlet referenza għal ittri[21] li kienu ntbagħtu

[15] Dok. MAC2.
[16] Dok. MAC1.
[17] Field Officer Raymond Vella.
[18] Dok. B u Dok. C annessi mar-Rikors promotur.
[19] Ara wkoll skambju ta' korrispondenza bejn Ben Muscat u Pierre Attard in segwitu għall-kont, 4 ta' Awwissu 2016.
[20] Xhieda Lorraine Templeman, seduta tad-19 ta' Frar 2018 quddiem il-Perit Tekniku.
[21] Ara fost oħrajn ittra datata 11 ta' April 2017 - Dok. LT3.

lil Ben Muscat bħala l-persuna li kien applika għall-permess in kwistjoni, fejn ġie mgħarraf li li t-tarmac ma kienx sar tajjeb.

Il-Qorti rat din il-korrispondenza esebita fl-atti, fejn jirriżulta li l-Kunsill kien oġġezzjona għall-fatt li l-bankina ma reġgħetx tqiegħdet lura fl-istat oriġinali tagħha u, għal raġuni mhux speċifikata, talab li jerġa' jsir l-asfalt f'parti waħda biss tat-trinka mingħajr iżda, ma jispeċifika li l-kwalita' tat-tarmac kien ħażin.

Imbagħad, Paul Azzopardi, il-persuna inkarigata mill-Kunsill Lokali tal-Mosta biex jieħu ħsieb ix-xogħolijiet li jsiru fil-lokalita', fisser illi l-asfalt fil-*bus bay* kellu jerġa' jsir b'tarmac aħmar iżda dan ma sarx. Xehed ukoll illi "*bħala tarmac ma ġiex sewwa għax ġie kollu mniżżel u għadu mniżżel sal-lum*"[22]. Ikkonferma wkoll li għalkemm sal-lum għadhom ma saru ebda xogħolijiet rimedjali kif mitlub mill-Kunsill Lokali, il-Kunsill qatt ma ħa ebda azzjoni fir-rigward ta' din il-pretensjoni tiegħu.

Kif diġa' ngħad, ix-xogħol eżegwit mis-soċjeta' attriċi ġie ċertifikat minn Transport Malta bħala xogħol ta' kwalita' aċċettabbli. Din iċ-ċertifikazzjoni ma ġietx kontradetta u l-Qorti ma għandha quddiemha la ritratti u lanqas xi ċertifikat jew rapport ta' perit jew persuna kwalifikata fil-qasam[23], imħejji abbażi ta' spezzjoni *ad hoc* tas-sit, u li jfisser b'mod tekniku f'hiex jikkonsistu d-difetti fix-xogħol ta' asfaltar, liema parti mill-asfaltar li jinsab milqut minn dan l-allegat difett, ix-xogħol rimedjali li jeħtieġ li jsir u l-valur u spejjeż ta' dan ix-xogħol rimedjali. Il-Qorti tistenna illi s-soċjeta' konvenuta kellha tressaq ix-xhieda ta' perit *ex parte* jew titlob perizja ġudizzjarja biex jiġu stabbiliti b'mod konkret u oġġettiv l-eżistenza tal-allegat nuqqasijiet fix-xogħol ta' asfaltar eżegwit mis-soċjeta' attriċi u waħedha, mhux biżżejjed ix-xhieda vaga u ġenerika ta' Paul Azzopardi li mhi sostanzjata lanqas minn ritratt tal-allegat difett jew nuqqas fl-asfaltar.

---

[22] Xhieda tat-30 ta' Marzu 2022.

[23] Il-Qorti ma tqisx lil Paul Azzopardi bħala persuna kwalifikata fil-qasam ta' xogħol ta' asfalt – Lorraine Templeman xehdet li huwa l-*handyman* tal-Kunsill Lokali filwaqt li huwa xehed li huwa l-manager tal-Kunsill.

Huwa minnu li l-Qorti revokat il-ħatra tal-Perit Tekniku li kien ġie maħtur fl-ewwel appuntament tas-smigħ tal-kawża iżda hawnhekk il-Qorti tosserva li ma jirriżultax mill-atti proċesswa li din il-ħatra kienet saret fuq talba speċifika tas-soċjeta' konvenuta u barra dan, ir-revoka tal-ħatra saret fi stadju meta s-soċjeta' konvenuta kienet għadha lanqas bdiet tressaq il-provi tagħha u għalhekk, ma kien hemm xejn x'iżommha milli tressaq ix-xhieda ta' perit *ex parte* jew addirittura titlob il-ħatra ta' perit tekniku ieħor biex tagħmel il-prova li kienet teħtieġ fir-rigward tal-kwalita' tax-xogħol eżegwit mill-kuntrattur.

**Il-Qorti tqis illi min jallega li x-xogħol eżegwit fih difetti ta' din ix-xorta ma jistax jonqos milli jressaq, *de minimis,* prova li turi b'mod konkret u oġġettiv id-difett lamentat, jekk dan hu wieħed viżibbli. Iżda fil-każ in diżamina, għajr għax-xhieda ta' Paul Azzopardi u l-ittri legali mibgħuta mill-Kunsill Lokali Mosta lil Benjamin Muscat biex isir ix-xogħol rimedjali indikat minnu, ma ġiet prodotta ebda prova konklussiva li tissostanzja l-allegazzjoni li x-xogħol ta' asfaltar li sar mis-soċjeta' attriċi bħala parti mill-appalt mertu tal-kawża, sar ħażin u jew huwa difettuż.**

Il-Qorti tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonjiet.

Huwa minnu li waħda mill-kundizzjonijiet li ġew imposti mill-Kunsill Lokali Mosta għat-twettiq tal-appalt[24] kienet li l-asfalt fil-*bus bay* kellu jsir b'asfalt tal-kulur aħmar u ma jirriżultax li din il-kundizzjoni ġiet imwettqa[25]. Huwa minnu wkoll illi jirriżulta li inizzjalment il-Kunsill Lokali kien qed jirrifjuta li jirrilaxxa d-depożitu fis-somma ta' €400 li kien ġie mħallas minn Ben Muscat bħala garanzija tat-twettiq tal-kundizzjonijiet imposti mill-Kunsill, minħabba tabilħaqq il-fatt li l-*bus bay* ma ġiex asfaltat kif mitlub, fost raġunijiet oħrajn. Madankollu, il-Qorti fehmet illi sussegwentement, dan id-depożitu ġie applikat mill-Kunsill, bl-adeżjoni ta' Ben

[24] Ara email Dok. LT1, paġna 165 tal-atti tal-kawza.
[25] Ara xhieda ta' Paul Azzopardi.

Muscat, biex jiġu miżbugħa l-marki u linji fit-triq[26]. Għall-Qorti l-fatt li ġew miżbugħa l-marki tal-karreġġjata fuq ix-xogħol ta' asfaltar allegatament ħażin, magħdud il-fatt li dan ix-xogħol ta' żebgħa tħallas mill-fondi depożitati mis-soċjeta' konvenuta bħala garanzija li l-appalt jitwettaq skont il-kundizzjonijet imposti mill-Kunsill Lokali, ma jistax ifisser ħlief li sija l-Kunsill Lokali kif ukoll is-soċjeta' konvenuta, irrinunzjaw effettivament għall-pretensjoni li x-xogħol ta' asfaltar sar ħażin. Dan qed jingħad ukoll miżmum ferm il-fatt mill-provi jirriżulta li qatt ma ttieħdet ebda azzjoni fir-rigward tal-asfaltar allegatament ħażin, la fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u lanqas fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta.

F'kull każ, għandu jiġi osservat ukoll illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ġabitx prova tal-valur tax-xogħol rimedjali li jeħtieġ isir fil-asfalt tal-*bus bay* u għalhekk, fin-nuqqas ta' ebda gwida jew kriterju ta' valur, il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li tillikwida hija stess, lanqas bl-użu tas-setgħat diskrezzjonali ekwitattivi tagħha, xi tnaqqis mill-prezz tal-appalt rappreżentanti l-ispejjeż tax-xogħol rimedjali li ma sarx jew ma sarx tajjeb. Kien jispetta lis-soċjeta' konvenuta tressaq din il-prova, prova li ma kienetx diffiċli wisq inqas impossibbli li tiġi prodotta u konsegwentement, il-Qorti ma tistax tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta, lanqas safejn tikkonċerna xogħol li baqa' ma sarx skont il-kundizzjonijiet tal-permess.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha, tilqa' t-talba ta' SUMMIT IMPORTERS & DISTRIBUTORS LIMITED u tikkundanna lil BENNY'S CATERING LIMITED tħallasha s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u tnejn u għoxrin Euro u żewġ ċenteżmi (€13,922.02) għar-raġuni mfisser fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-kont, 25 ta' Lulju 2016, u bl-ispejjeż jitħallsu wkoll mill-istess soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[26] Ara xhieda in kontro-eżami ta' Benjamin Muscat, 14 ta' Diċeembru 2022.